IX-XGĦAJRA

Minuti tal-Laqgħa Nru6 (Ħamsa) tad-disa' (9) legislatura, tal-Kunsill Lokali x-Xgħajra li saret fil-bini amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar it-Tnejn 11 ta' Novembru, 2024, fil-5pm

| **Preżenti:** | Il-Membri |
|---|---|
| Is-Sindku | Neil Attard |
| Viċi Sindku | Michael Mifsud |
| Il- Kunsilliera | Mary Doris Borg |
| | Raymond Duncan |
| | Antonia Buttigieg |
| **L-Uffiċjal** | |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Ranier Busuttil |

Is-Sur Neil Attard ippresedja l-laqgħa.

**6.1. Item Nru 6.1 fuq l-Aġenda –Attendenza u apoloġiji.**

6.1.1 Il-Laqgħa bdiet fil-5.05pm u kulħadd kien preżenti.

**6.2 Item Nru. 6.2 fuq l-Aġenda – Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

6.2.1 Il-Minuti ittieħdu bħala moqrija u approvati unanimament.

**6.3 Item Nru. 6.3 fuq l-Aġenda - Komunikazzjoni mis-Sindku**

6.3.1 Is-Sindku qal li dwar l-art ta' biswit il-grawnd tal-futbol għad ma għandux aktar informazzjoni minkejja li intbgħat reminder.

6.3.2 Is-Sindku qal li dwar il-magna tal-BCRS jidher li ħareġ il-permess tal-Planning Authority u issa nistennew ha naraw meta ser issir.

6.3.3 Is-Sur Attard qal li dwar is-sejħa għal Contracts Manager irċevejna offerta waħda u l-Kunsill qabel li jiltaqa' miegħu wara l-festi tal-Milied. Il-Kunsill qabel fuq ir-responsabiltajiet li għandu jkollu il-Contracts Manager. Dawn huma knis bil-ħaddiema tal-CWS, skart, street lighting, tabelli u sinjali, Sleeping police u affarijiet oħra li jistgħu jinqalgħu.

6.3.4 Is-Sindku qal li l-attivita tat-23 t' Ottubru saret fir-restaurant ix-Xgħajra stess u kienet suċċess.

6.3.5 Is-Sindku qal li dwar l-istages bqajna minajr risposta wkoll jidher li ha tieħu fit-tul.

6.3.6 Is-Sindku qal li kellna l-attivita ta' Halloween u li kienet success ukoll. Spejjez kien hemm €39 minħabba tiżjin u ħelu. Imbgħad kien hemm ukoll l-attività ta' San Martin fejn morna il-Baħrija u n-nies ħadu gost ħafna.

6.3.7 Is-Sur Attard tkellem fuq il-ħajt li ġġarraf fi Triq it-Torri t' Alof De Wignacourt u qal lest u issa kif konna qbilna f'laqgħat preċedenti twaħħlu 3 cameras ġodda biex nissorveljaw dik l-area.

6.3.8 Is-Sindku qal li hemm problema ta' skart kbir u ħmieg fejn sqaq il-grawnd int u dieħel għal sports complex minn taħt. Minħabba l-ammont kbir li hemm nippruvaw nitolbu l-assistenza tal-Cleansing Department. Kulħadd qabel ma din il-proposta.

6.3.9 Is-Sindku qal li kien mitlub minn ġrupp barranin reliġjużi sabiex jużaw il-Librerija għal talb u hu aċċetta. Jidher li  kien hemm ħinijiet minnhom li dejqu lil xi ġirien u tant gergru li anke ġie mgħedded. Huwa qal ukoll li dan l-għaġir huwa kundannabbli però ma pproċediex bil-Pulizija biex ma tikberx l-affari.

Is-Sa. Doris qalet dan l-istess ġar għamel għalija l-ewwel għax ħaseb li organizzata hi. Doris fakkret ukoll li skond l-Avukat qaltilna li hemm nistgħu u għandna dritt nagħmlu l-attivitajiet li rridu basta nosservaw il-liġi u l-ħinijiet li ma jistax isir storbju.

6.3.10 Is-Sindku qal li sal-laqgħa li jmiss ser ikollna schedule ta' kif ser jintuża l-garage ta' fejn il-librerija sabiex ikollna aktar organizzazzjoni. Għalhekk kompla u ħeġġeġ sabiex il-Kunsilliera li għandhom bżonn dal-post jiġu bi-proposti ta' kif ser jużawh.

6.3.11 Is-Sur Attard qal li ċ-ċint ta' Triq l-Awrat jinsab perikoluż ħafna. Minkejja li kellimna l-Infrastruttura Malta diversi drabi b'emails dawn baqgħu ma ħadux azzjoni. Il-Kunsill tkellem ukoll mal-Public Works u dawn iggwidawna sabiex l-ewwel napplikaw mal-Planning Authority għad DNO b'urgenza.

6.3.12 Is-Sindku tkellem dwar il-Kunsill tat-tfal u qal li ltqajna magħhom però id-dettalji u l-funzjoni tagħhom ser jiġi kkomunikat -il quddiem.

6.3.13 Is-Sindku tkellem fuq il-ħajt tas-sejjiegħ u ikkonferma mas-Sur Steve Borg li dak ma jistax isirlu konkos fil-wiċċ.

6.3.14 Is-Sur Attard qal li ser issir Camera bis-solar fi Sqaq it-Tuta. Din ħa tkun l-ewwel waħda ta' dan it-tip u ser tkun bi prova sabiex naraw kif immorru biha. L-iskop ta' din il-camera ser ikun minħabba l-ammont kbir ta' skart li qed jintrema u minajr l-osservazzjoni tal-iskeda.

6.3.15 Is-Sindku sindku qal li dwar il-finanzi għandna konferma mid-DLG li l-fondi żejda li ħallasna ta' skart li mhux tax-Xgħajra ser jingħataw lura fil-ġimgħat li ġejjin. Dawn jammontaw għal madwaw €7,500.

Is-Sur Attard qal ukoll li l-Kunsill qiegħed jagħmel pressjoni wkoll sabiex nieħdu lura flus li ħallasna għalxejn minħabba l-Jogging track liema proġett kien tal-Gvern u dan baqa' ma sarx. Il-Kunsill qed jitlob l-ammont ta' madwar €50,000 li tħallsu fi spejjeż speċjalment lil Med Devolopers Ltd. Id-DLG ikkonfermawla waqt laqgħa mas-Segretarju Ezekuttiv u l-Accountant tal-Kunsill li dawn ser jingħataw lura però qed jikkonfermaw ma Projects Green jekk dan il-proġett għadux ser isir jew le.

Il-Kunsill qed jitlob li dawn il-fondi jingħataw lura anke jekk galadarba dan il-proġett isir għaliex dan huwa proġett tal-Gvern.

Is-Sur Michael Mifsud staqsa dwar ir-rapport finanzjarju u s-Segretarju qallu li ser jiġi ppreżentat fil-laqgħa li jmiss fejn ser ikollna preżenti wkoll l-Accountant.

6.3.16 Is-Sindku qal li ghandna rapport tal-Perit sabiex naraw minn fejn hu dieħel l-ilma fis-sala ta' isfel. Is-Sala ta' isfel saret il-concession u dawn minkejja li bdew bl-investiment tagħhom għad ma jistawx jibdew għaliex inkwetati li xorta qed jidhol l-ilma. Skond il-perit dan l-ilma dieħel mil-Garage ta' fuq u hemm bzonn li jsir xogħol li hu stmat madwar 14,000.

Il-Kunsill qabel li ssir talba mad-DLG sabiex nagħmlu dan ix-xogħol b'direct Order minħabba l-urġenza tiegħu.

**6.4 Item Nru 6.4 fuq l-Aġenda – Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

6.4.1 Is-Sur Michael Mifsud tkellem fuq il-problema ta' meta tagħmel ix-xita u jinġema ħafna ħmieġ f'ċertu postijiet. Hu ppropona li nindividwaw dawn il-postijiet u nibdew nibgħatu l-ħaddiema assenjati sabiex inneħħu dan l-inkonvenjent.

Fis-6.04 is-Sur Michael Mifsud talab li jkun skużat mil-laqgħa.

6.4.2 Is-Sa. Doris qalet li hi għanda rendikont ta' meta għamlet l-attivita ta' Settembru fejn kien hemm ukoll tombla. Hi kkonfermat li l-ammont li daħal mar kollu fi premjijiet u spejjez.

Is-Sindku qal li fl-attivita li saret ix-Xgħajra fejn ġiet organizzata flimkien mal-Kunsilliera Antonia Buttigieg ma hemmx rendikont bil-kitba pero kkonferma wkoll li d-dħul mar kollu fi premjijiet u spejjeż.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li minħabba li ma jistax ikun preżenti f'dawn l-attivitajiet qed jirrimarka li tombla f'isem il-Kunsill ma tistax issir għalhekk kull min irid jagħmel tombla għandu jagħmilha f'ismu.

6.4.3 Is-Sa. Doris Borg qal li dwar il-Kunsill tat-tfal ser issir laqgħa oħra fil-bidu ta' Diċembru.

6.4.4 Is-Sa. Borg qalet li ser ittella' esibizzjoni marbuta mat-tema tal-Milied bi kreazzjonijiet mit-tfal. Hi kompliet u qalet li l-materjal ser tħalsu kollu hi.

6.4.5 Is-Sa. Doris Borg qalet li għal San Martin għamlet -il fuq minn 100 borża u għamlitom volontarjament kif ukoll xtrat 3 kotba.

Għal attivita tal-Baħrija ta' San Martin it-trasport ġie jiswa 120 plus il-VAT.

6.4.6 Is-Sa. Doris Borg staqsiet jekk jistax isir refreshing tas-sinjali fi Triq San Gakbu. Is-Sindku qallha li ser titnizzel mal-lista ta' xogħlijiet.

6.4.7 Is-Sur Raymond Duncan staqsa jekk nistgħu nieħdu ħsieb il-palm ta' wara l-istage fejn ir-roundabout ta' Triq il-Fortizza tal-Grazzja. Is-Sindku qal li ser iqabbad lil xi ħadd sabiex jinżabru.

6.4.8 Is-Sur Duncan staqsa jekk nistgħux niċċekkjaw mac-CEO tal-Waterservice Corporation dwar id-drenaġġ li allegatament qed jintrema fil-baħar. Is-Sindku qal li fuq din il-ħaġa irridu nqabbdu lil xi ħadd privat aħna bħala Kunsill u jieħu s-sampes u jittestja hu.

6.4.9 Is-Sur Duncan qal li għandu stimi tal-pjanti li ser jitħawlu max-xatt u l-Kunsill unanimament qabel li tintgħażel l-irħas waħda.

6.4.10 Is-Sa Antonia Buttiġieġ reġet fakkret fuq iċ-ċint tal-Belveder li qed iżarmawh kollu. Is-Segretarju qallha li bħalissa għandna nuqqas ta' staff minħabba leave u kif jidhlu ser issir il-manutenzjoni meħtieġa.

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra XJR1660 – Malta
Tel: 21693269
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

IX-XGĦAJRA

6.4.11 Is-Sa Buttigieg staqsiet fuq il-monument tal-Ħelsien li hemm quddiem il-Knisja jekk nistgħux inċekknu il-ħamrija li hemm madwaru kif ukoll inneħħu s-siġar taż-żebbuġ għax qed iħammġu. Apparti hekk qed iħallu ħafna skart madwaru.

**6.6 Item Nru. 6.6 fuq l-Aġenda – Rapporti**

6.6.1 Ma kienx hemm rapporti.

**6.7 Item Nru. 6.7 fuq l-Aġenda - Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;**

6.7.1 Is-Sindku tkellem fuq il-proposta tal-Paddle Court mal-Privat u qal li għalissa ma nistgħu nikkommettu xejn pero żgur li trid tinħareġ sejħa ta' Concession bħal tal-Multipurpose Hall.

6.7.2 Is-Sindku qal li għandna stima għal tiżjin tal-Milied u kulħadd qabel li nipproċedu.

6.7.3 Is-Sindku ippropona li l-Get together ta' żmien il-festi ssir nhar is-27 ta' Diċembru. Kulħadd qabel ma' din id-data.

**6.8 Item Nru. 6.8 fuq l-Aġenda – Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

6.8.1 Pagamenti b'numru 5 ġew approvati unanimament.

**6.9 Item Nru. 6.9 fuq l-Aġenda - Mozzjonijiet**

6.9.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

**6.10 Item Nru. 6.10 fuq l-Aġenda – Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

6.10.1 Il-laqgħa intemmet fit-7.30pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 9 ta' Diċembru fil-5pm

Ranier Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Neil Attard
Sindku